# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum l-Erbgha 9 ta' Dicembru, 2015

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frans Micallef)**
**vs.**
**Mark Scerri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Mark Scerri ta' 27 sena iben Joseph u Maria Rosaria mitwielda Thomas, imwieled il-Pieta' fl-1 t'April, 1977 u joqghod Redentur, Triq il-Qaliet Marsascala detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 178977(M).

Akkuzat talli fid-9 ta' Dicembru, 2003 ghall-habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar ikkommetta serq ta' ammont ta' flus li jeccedi l-mitt lira Maltin u dan ghad-dannu ta' Raymond Galea, liema serq hu aggravat bil-valur u l-mezz;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta' Raymond Galea liema hsara ma teccedix il-hamsin lira Maltin.

Rat il-kunsens mibghut mill-Avukat Generali fl-1 ta' Gunju, 2004, sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja, u rat li l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat u deciz.

Rat li fl-ewwel seduta u cioe dik tal-21 ta' Lulju 2004 (a fol. 5) tal-process, meta sarlu l-ezami skond il-ligi, l-imputat, debitament assistit mill-avukat difensur tieghu, wiegeb li hu hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti ezebiti u l-atti l-ohra tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-avukat difensur tal-imputat.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Kif diga inghad aktar il'fuq, fl-ewwel seduta quddiem din il-Qorti, diversament preseduta, u cioe dik tal-21 ta' Lulju 2004 (a fol. 5) tal-process, meta sarlu l-ezami skond il-ligi, l-imputat, debitament assistit mill-avukat difensur tieghu, wiegeb li hu hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. Din il-Qorti kif preseduta ma tara l-ebda raguni ghalfejn din l-ammissjoni m'ghandhiex tigi emnuta, u ma hemm xejn fil-verbal ta' dak in-nhar li juri li din il-Qorti ma kinietx qed taccetta l-ammissjoni tal-imputat.

Dan nonostante, ghal ragunijiet li din il-Qorti, kif preseduta, ma tistghax tifhem, il-kawza giet differita ghal provi tal-prosekuzzjoni fuq il-meritu. L-imputat ghazel li ma jressaqx provi, u l-avukat difensur tal-imputat – li kien avukat differenti minn dak li deher fl-ewwel seduta – ghamel it-trattazzjoni tieghu fuq il-meritu.

Pero din il-Qorti hija tal-opinjoni li in vista tal-ammissjoni tal-imputat, debitament assistit mil-legali tieghu, fl-ewwel seduta u in vista li ma hemm l-ebda raguni ghalfejn din il-Qorti ghandha tirritjeni li din l-ammissjoni ma kinietx wahda valida fil-ligi, din il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Fir-rigward tal-piena, il-Qorti kkunsidrat li l-imputat ghamel ammissjoni bikrija – cioe fl-ewwel seduta ta' dawn il-proceduri, u ghalhekk ghandu jibbenefika minn riduzzjoni fil-piena, stante li ma jahtix ghal fatt, li nonostante l-ammissjoni tieghu, il-Prosekuzzjoni kompliet tressaq il-provi fil-meritu.

Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni li l-ammont misruq kien ta' Lm280.00, li mhix xi somma konsiderevoli u li d-danni kagunati bl-isgass ma jeccedux Lm50.00.

Ghall-fini ta' piena l-imputazzjoni tad-danni volontarji hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni ta' serq aggravat, stante li serviet bhala mezz ghal fini biex jigi kommess ir-reat ta' serq aggravat.

Pero, il-fedina penali tal-imputat m'hi xejn felici. Il-fedina penali tieghu pprezentata fis-seduta tas-27 t'Ottubru 2004,[1] fiha hames (5) kundanni: kundanna rigward reati konnessi ma' ksur tal-ligijiet tas-sewqan u ferita gravi per durata, zewg kundanni ghal pussess semplici tad-droga eroina, kundanna ghal serq aggravat, u kundanna ghal falsifikazzjoni.

Il-fedina penali aggiornata[2] fiha tlieta u ghoxrin kundanna, li apparti il-kundanni fuq imsemmija fiha kundanna ohra ghal ksur tal-ligijiet tas-sewqan, kundanna ghal pussess semplici tad-droga eroina, kundanna ghal theddid u li kkaguna griehi hfief fuq persuna, disa' kundanni ghal serq, hafna drabi aggravat, u uhud mill-kundanni jirreferu ghal iktar minn serqa wahda u zewg attentati ta' serq. Dawn il-Qrati taw diversi opportunitajiet lill-imputat sabiex iwarrab it-triq tal-kriminalita li qabad, u inghata diversi ordnijiet ta' probation u sentenzi sospizi, izda l-imputat ma gharafx juzufruwixxi ruhu minn dawn l-opportunitajiet u mhux biss baqa' ma tghallem xejn, izda baqa' jippersisti fit-triq tal-kriminalita, nonostante li anke inghata pieni ta' habs effettiv.

---

[1] Ara fedina penali tal-imputat ezebita bhala Dok MM a fol 14 *et seq.* tal-process.
[2] Ara fedina penali aggiornata tal-imputat a fol. 71 *et seq.* tal-processs.

Fid-dawl ta' din il-fedina penali, fl-opinjoni tal-Qorti l-piena ghandha tkun wahda ta' prigunerija effettiva, pero in vista tal-ammissjoni bikrija tal-imputat u tenut kont tal-ammont misruq, il-Qorti se tinfliggi se teroga piena karcerarja vicin il-minimu permessibbli mil-ligi.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261(b), 261(c), 263, 267, 278(2), 279(a) u 20 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghal sena prigunerija effettiva.

Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' mitejn u wiehed u ghoxrin Euro u seba' u tmenin centezmu (€221.87) – rapprezentanti is-somma ta' hamsa u disghin Lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm95.25) - li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**